**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 459/97

Vincent Pace
vs
Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u Ministru tal-Kostruzzjoni u Xogholijiet Pubblici

Illum 21 ta' Marzu, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz ghall-habta ta' l-1988 huwa gie ngustament maqbuz fi promozzjoni spettanti lilu.

Illi l-fatti tal-kaz fis-semplicita' taghhom kienu s-segwenti:

Illi r-rikorrenti beda fl-ingagg tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fin-1970.

Illi fin-1987 kienu hargu l-applikazzjonijiet ghall-Grad ta' Technical Officer liema applikazzjoni kienet giet milqugha.

Illi sussegwentement kien hemm bidla fil-Gvern u xhar wara huwa gie infurmat li huwa kellu jibda jirraporta ghax-xoghol fit-tielet distrett.

Illi sussegwentent s-Senior Officer nkarigat mid-distrett gie moghti transfer u floku giet mqeghda persuna li ghad li l-grad taghha kien inferjuri ghal dak tar-rikorrent kienet inkarigata u responsabbli ghad-distrett kollu inkluz is-supervizjoni tieghu.

Illi psikologikament din is-sitwazzjoni ddisturbatu hafna aktar u aktar meta wiehed iqis illi kien ir-rikorrent li kien qieghed jaghmel ix-xoghol kollu nvolut u dan peress illi din il-persuna ma kellix l-esperjenza rikjesta u necessarja.

Fin-1988 kienu hargu l-applikazzjonijiet ghall-grad ta' TO I, TO II, u r-rikorrenti kien applika ghall-grad ta' TO I filwaqt li l-persuna li kienet inkarigata mid-Distrett applikat ghall-grad ta' TOII u dan ghalkemm il-grad tieghu kien tlett gradi anqas minn tar-rikorrent.

Illi sussegwentement hargu l-promozzjonijiet u filwaqt li hu gie maqbuz il-persuna nkarigata minnu giet moghtija l-promozzjoni ta'

TO I u TO II għalkemm kienet applikat għall-TO II biss u dan kif jista' jiġi pruvat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-każ.

Illi huwa kien bi ħsiebu jġib biex isostni l-ilment tiegħu lix-xhieda mura fl-elenku anness li jindika għar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti bi ħsiebu jġib bi prova dwarhom bix-xhieda tiegħu.

Għaldaqstant ir-rikorrenti, filwaqt li għamel referenza għall-fuq espost u rreserva illi jressaq dawk il-provi l-oħra kollha li jistgħu jkunu neċessarji u opportuni talab lil dan it-Tribunal jogħġbu jisma' u jiddeċiedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji u jingħata rimedju billi jiġi mogħti l-promozzjoni ta' TO I flimkien mal-benefiċċji li tali promozzjoni ġġib magħha u kumpens ta' Lm5000 sabiex jagħmlu tajjeb għal dak kollu li ir-rikorrenti kellu jsofri minħabba l-aġir diskriminatorju u inġust fil-konfront tiegħu.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tad-Direttur Ġenerali tax-Xogħolijiet li eċċepixxa:

Illi r-rikorrent ġie mpjegat fil-grad ta' Labourer mad-dipartiment tax-Xogħolijiet b'effett mill-25 ta' Ġunju 1970. Hu laħaq il-grad ta' Motor Transport Driver fl-4 ta' Ġunju 1971. Fl-1 ta' Frar 1974 hu laħaq il-grad ta' Messenger II u ġie promoss għall-grad ta' Messenger III fit-3 ta' Marzu 1981. Fis-7 ta' Mejju 1987 ir-rikorrent sar Works Technical Officer u fl-1 ta' Jannar 1991

permezz tar-Riforma li sehhet fis-Settur pubbliku gie assimilat fil-grad ta' Technical Officer fejn ghadu jgawdi din il-kariga sal-lum.

Fl-20 ta' Mejju 1988 kienet harget sejha numru 59/88 ghall-promozzjonijiet ghal-grad ta' technical officer I u II rispettivament. Ir-rikorrent kien jokkupa l-grad ta' Works Technical Officer u ghaldaqstant kien eligibbli biex japplika. Hu applika ghall-pozizzjoni ta' technical Officer I u abbazi nghata n-numru 52 bhala numru ta' riferenza. Sussegwentement gab 28 marka minn total ta' 100 bir-rizultat li ma ssodisfax il-kriterji pristabbiliti tal-Bord.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Spjega li x-xoghol tieghu dak iz-zmien kien jikkonsisti fis-segwenti:

1. Thejjija ta' programm u tqassim tal-haddiema fuq xogholhom;
2. Preparar tal-materjal kollu li kien ikollhom bzonn il-haddiema;
3. Kura tal-makkinarju li kienu juzaw.

4. Spezzjoni fuq il-lant tax-xoghol, darba fil-ghodu u darba ohra wara nofsinhar, sabiex nassigura li ma kienx hemm problemi u
5. Thejjija ta' programm ghall-ghada qabel ma taghlaq il-gurnata.

Nixtieq nghid li spegajt fid-dettal dak ix-xoghol li jien kont naghmel ghaliex dan ma kienx xogholi izda dak ta' District Officer.

Ftit xhur wara kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghal Technical Officer I u Technical Officer 2. Applika ghal Technical Officer I filwaqt li l-persuna l-ohra li kienet giet biex tmexxi d-Distrett applikat ghal Technical Officer 2.

Wara sena hargu r-rizultati ta' din is-sejha u r-rikorrent ma kienx maghzul. L-officer-in-charge li kien responsabbli ghad-Distrett fejn kien jahdem ha promozzjoni ghal Technical Officer I. B'hekk dan qabez lir-rikorrent b'zewg gradi meta dan kien zewg gradi tahtu. Sostna li mieghu saret ingustizzja kbira minhabba li hu dejjem hadem sod u kien fdat b'diversi progetti.

Xehed li sar WTO fl-1987 f`Mejju u fl-1988 applika ghal Tech 1. Assista ghal zmien ta` sena mas-Sur Degabriele. Applika ghal Tech 1 biss fl-1988. Fil-kaz ta` Frankie Fenech dan kien Assistant Field Surveyor, xi tliet gradi anqas minnu u hu sar waqt li r-rikorrent ma sarx.

Paul Scicluna Ufficjal Ezekuttiv fl-Ufficcju tal-Personnel xehed li l-kaz jirrigwarda promozzjoni tar-rikorrent u din kienet ghall-grad ta` Ufficjal Tekniku 1. L-applikazzjoni kienet 59/88 u kienet harget fl-20 ta` Mejju 1988. Kienet miftuha ghal-Ufficjal Tekniku

1 u 2 pero` r-rikorrent applika ghal Technical Officer 1 biss. Din kienet tirrikjedi li l-applikanti jkunu ta` grad ta` WTO, il-grad li kien jokkupa r-rikorrent pero` kien hemm cirkolari addizzjonali maghha li ggib numru 109/88 li kienet tghid li dawk l-impjegati kollha li kelhom ilment quddiem il-Kummissjoni ghalkemm kellhom grad inqas minn ta` WTO setghu japplikaw u fil-fatt kien hemm ukoll. Ir-rikorrent ilmenta li kien hemm min qabzu u li kien inferjuri ghalih fis-sens ta` seniority pero` r-rikorrent f`ebda hin la fir-rikors u anqas fix-xhieda tieghu ma indika ghal min kien qieghed jirreferixxi. Ir-rikorrent kien applika biss ghal Civil bhala Tech 1.

Ikkunsidra

Illi l-ilment jirrigwarda li r-rikorrent ma hax il-promozzjoni in segwitu tac-cirkolari 59/88 waqt li hadha wiehed li kien tahtu. Ghalkemm r-rikorrent qatt ma semma direttament min hu dan la fir-rikors u lanqas f'xi deposizzjoni, xorta wahda jidher li r-riferenza hi ghal Frank Fenech. Irrizulta li ghalkemm l-applikazzjoni kienet tirrikjedi li l-applikanti jkunu ta` grad ta` WTO, kien hemm cirkolari addizzjonali maghha li ggib numru 109/88 li kienet tghid li dawk l-impjegati kollha li kelhom ilment quddiem il-Kummissjoni ghalkemm kellhom grad inqas minn ta` WTO setghu japplikaw.

Huwa veru li r-rikorrent gie finalment maqbuz minn Frank Fenech wiehed ghandu jhares lejn l-iskeda komparattiva li tinsab a fol 101 li minnha jirrizulta li Fenech kien Skala 16 fl-1 ta' April, 1969

waqt li r-rikorrent dahal skala 20 fil-25 ta' Gunju 1970. Minn hawn jidher car li diversi drabi kien l-istess rikorrent li gawda minn diversi promozzjonijiet li kawza taghhom spicca fi skala superjuri ghal Frank Fenech. Kif jista' allura r-rikorrent jilmenta dwar qbiz jekk hu stess qabez lil diversi nies! L-unika raguni li wiehed jista' jkollu hi jekk hu jkun superjuri ghan-nies l-ohra.

Meta wiehed jezamina l-marki allokati wiehed isib li ghall-kwalifiki la r-rikorrent u lanqas Fenech ma inghatw marki. Departmental Knowledge inghataw 3 u 8, Personality / Leadership inghataw 15 u 21 waqt li l-aktar differenza l-aktar notevoli kienet dik ta' Trade Experience fejn inghatw 10 u 36. Raguni ta' dan l-intimat ta l-fatt li r-rikorrent mar jahdem il-Kalaxlokk mill-1981 sal-1987 fejn harget id-differenza fil-puntegg ghall-gharfien tad-Dipartiment. Kif semma l-istess rikorrent hu gawda minn xi sittin lira allowances kull xahar u xi allowances ohra matul dak il-perijodu. Pero' mhux kollox jigi ward. Dak li gwadanja minn-naha tilef minn-naha l-ohra.

Meta t-Tribunal qis il-fatturi kollha involuti sab li ma tirrizultax l-ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha necessarja ghal fini tal-Att VIII tal-1997.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.